XGĦAJRA

Minuti tat-13 (Tlettax) il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 6 ta' Lulju, 2010 .

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Depasquale |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – *Matters Arising* mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   (a) Ittra t'informazzjoni dwar l-offerta (tender) a rigward il-Faċiltajiet Sportivi u Rikreattivi intbgħatet lill Schembri Barbros fejn il-Management tal-Kumpanija kien infurmat li l-Offerta (tender) tagħhom ġiet aċċettata mill-Kunsill u li sussegwentament se jiġi ffirmat Il-Kuntratt għal bini tal-faċilitajiet u dan billi għandu jsir xogħol ta' tneħħija tal-ħamrija u tqattiegħ ta' blat mill-kuntratturi ta' Smart City li għenu ħafna biex dan isir a spejjeż tagħhom.

   (b) Dr. Angel Vella intimat li ma rċevietx il-kopji tal-Bylaws a rigward għamara tat-toroq etc. Kopja oħra għandha tintbgħat immedjatament.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

(ċ) Il-Kunsill kien talab fondi addizzjonali biex jagħmlu tajjeb għall-ġbir ta' Skart domestiku u kummerċjali billi t-tender kien wieħed għoli u li ma kienx hemm fondi biżżejjed biex ikopru dan l-ammont. Il-Kunsill kien talab €15,000 pero' ngħata €7,500, u l-kumplament jingħataw lill-Kunsill wara li nipproduċu l-irċevuti ta' nfieq ta' l-ewwel €7,500.

(d) Sar ftehim bejn l-MFA u x-Xgħajra Tornadoes Klabb tal-futbol biex isir il-ground bit-turf sintetiku.

(e) Il-Kunsill qed jinsisti u anke jindika siti oħra fejn jintrema l-ilma ta' l-għarar tax-xita,minnflok dik ta' fejn l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ.

(f) Is-Sindku attenda laqgħat diversi mal-MEPA biex waqt li jkun qed jitħħaffer l-outfall ta' l-impjant il-ġdid ma jitniġġis il-baħar b'dannu għall-għawwiema li jużaw il-baħar tax-Xgħajra. Fil-fatt il-Kunsill indika li jekk ikun hawn bżonn jiġu nstallati booms biex il-plume ikkawżata mill-iskavar tiġi kkontrollata u ma tinfirix.

(ġ) Is-Sindku ndika li s-slipway f'tat-Talk hija kważi kompluta.

(ħ) Saret site visit mad-D.G. Ray Farrugia u l-Perit Lawrence Buttiġieġ , dan biex wara li jitlesta x-xogħol f'Mxlokk titlesta snag list ta' nuqqasijiet li fadal fil-promenade. Id-D.G. Ray Farrugia ndika li se jkun hemm nies tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex jagħmlu manutenzjoni tal-ħadid tax-Xatt u arbli.

(i) L-attivita' Forties (40) Night kienet suċċess.

(j) Dog Trust ġew biex jgħatu s-servizzi tagħhom b'xejn lil min għandu l-klieb.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda – Korrispondenza :

Dik il-korrispondenza li kienet t'interess partikolari ġiet moqrija u li kienet tinkludi:

(a) Informazzjoni fuq l-EIA ta' l-Storm Water li għadna ma rċevejniex Komunikazzjoni fuqha.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

(b) L-isem tat-Triq Lapsi. Ġie deċiż li la din ġiet inkluża fil-Gazzetta tal-Ġvern mela għandna nordnaw isem taċ-ċeramika.

(c) L-Awditur bagħat e-mail lis-Sindku fuq xi punti tekniċi u osservazzjonijiet oħra, fejn is-Sindku qal li ma jaqbilx magħhom u għandu jiltaqa' ma' l-Awditur.

(d) Il-Fondi Speċjali sabiex jitħallas id-differenza tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart ġie approvat u l-kuntrattur bl-orħos offerta (John Grixti) ġie nnotifikat bir-rati l-ġodda.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda : Approvazzjoni u ratifikazzjoni ta' l-infieq tax-xahar ta' Ġunju 2010

L-infieq u ħlas tax-xahar ta' Ġunju ġew rratifikati w approvati.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet tas-sajf

Ġie deċiż li ssir attivita' ta' BBQ fil-Fortizza.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra:

Għandu jsir meeting mal-kuntratturi ta' Smart City biex jagħti bidu għat-tħammil tas-sit ta' l-Isports u Recreational Centre u titpoġġa fence tal-ġebel madwar dan is-sit.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda - Affarijiet oħra:

(a) Ġew kompluti s-sinjali tat-traffiku ta' l-art tat-toroq skond kif ordnajna u bir-rati tat-tender il-ġdid. M inħabba li din l-ispiża titla ġmiela, m'għamilniex kullimkien. Fl-istess ħin dawk it-tabelli li kienu ordnati qiegħdin jiġu nstallati.

(b) Il-kuntratti/stimi ta' xogħol rikjest fix-Xgħajra li ġew ippublikati f'Diċemebru 2009, ġew kollha magħżulha u qed isir ix-xogħol skond dawn il-kuntratti bl-eċċezzjoni tal-photovoltaic li għadu ma ġiex approvat mill-Ġvern Ċentrali u l-Isports and Recreational Centre li għadu ma nbediex, imma l-għażla tal-kuntattur ġiet approvata.

XGĦAJRA

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament:

Il-Laqgħa li jmiss se tkun fis-7 ta' Settembru, 2010 fil-5.30pm.

____________________ ____________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt